**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Distrett 557/2021**

**Il-Pulizija**

**–vs–**

**Thomas Spagnol**

Illum 22 ta' Novembru 2024

**Il-Qorti;**

**Rat** l-imputazzjonijiet imressqa kontra Thomas Spagnol iben Anthony u Theresa nee' Vella, imwieled nhar is-26 ta' Mejju 1974, bil-karta ta' l-identita' numru 349174M li permezz tagħhom ġie akkuzat talli nhar l-1 ta' Awissu 2021 ghal habta ta' 18.40hrs ġewwa l-Port ta' l-Imġarr, (1) ngurja jew hedded lil EO 247 Redeemer Galea, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-esekuzzjoi ta' dak is-servizz u (2) irrifjuta li jagħti lil uffiċjal pubbliku jew lil wieħed iehor inkarigat mis-servizz

pubbliku waqt li jkun jagħmel dmirijietu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidhrilha xierqa, tipprovdi għas-sigurta' ta' Redeemer Galea sabiex jinzamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat b' obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffisata minn din il-Qorti.

**Rat** id-dokumenti pprezentati;

**Semgħet** ix-xhieda;

**Semgħet** trattazzjoni;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat**

Din il-Qorti tqis li t-tieni imputazzjoni hija preskritta, hekk kif anke ġie dikjarat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-25 ta' Frar 2022. Infatti, l-ewwel darba li deher l-imputat quddiem din il-Qorti kien fit-28 ta' Lulju 2023 mentri l-ewwel rifeta pożittiva tal-imputat kienet fis-26 ta' Lulju 2023 (esibita fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023).

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti qieset dak li jistipola l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie studjat minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fis-sentenza tas-27 ta' Frar, 2023 fl-**<u>ismijiet Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) VS Renald Briffa</u>** fejn intqal:

> **«**Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront ta' l-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-gieh u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.
>
> Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jewt it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
>
> Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi

meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jezercita.

L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, ighidu:

"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di essi sussisterebbe sempe."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat nexus bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika. Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.»

Din il-Qorti qieset il-provi prodotti li minnhom jirriżulta li EO 247Redeemer Galea, waqt li kien fuq xogħlu, ġie mgħajjar u żżufjettat xħin l-imputat qallu l-kliem 'mur 'l hemm. X'ġejjin tagħmlu boloh!' u kif ukoll ġie mhedded mill-imputat meta dan qallu 'Insibek'. Dan jirriżulta mill-affidavit ta' PC 557 Mark Grech u mix-xhieda mogħtija mill-istess EO247 fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2023. Din il-verzjoni ġiet ukoll ikkoraboratha mix-xhieda ta' EO 345 Chris Cutajar.

Din il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Janet Abela, iżda din ix-xhud kulma qalet li ma tiftakarx u li ma semgħetx tgħajjir iżda tiftakar li xi ħadd qal il-kliem 'ġib 'l hawn' u li kien hemm xi ħadd bl-uniformi. Qieset ukoll ix-xhieda tal-imputat li għażel li jixhed u li baqa' jsostni li huwa ma qalx dak id-diskors. Dan sostna li huwa sempliċiment waddab il-kartiera lejn l-uffiċjali meta dawn talbuh id-dettalji personali tiegħu. Din il-Qorti ma tqisx li din ix-xhieda hija waħda kredibbli u sejra tistrieħ fuq ix-xhieda mogħtija mill-*enforcement officers*.

## Decide

**Għaldaqstant din il-Qorti qed tasjteni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni peress li hija preskritta, filwaqt li wara li rat l-artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib**

**lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' € 850.**

Qiegħda tapplika wkoll l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-ħati jżomm il-kwiet u l-bon ordni ma' EO 247 Redeemer Galea taħt penali ta' € 1,500 għal żmien sena mil-lum.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**